MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2538/2002

**Dhalia Estate Agency Limited**

**Vs**

**Ray Cassano**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) rapprezentanti "cancellation fee ta' 20% dovuta wara l-kancellament tal-konvenju……skond skrittura privata."

Il-konvenut ipprezenta Risposta fejn qal li l-ammont pretiz mhux dovut. Il-konvenut sostna li l-"cancellation fee" ma kienx miftiehem.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li skond il-ftehim esebit a fol 11 tal-process gie miftiehem li jekk id-depozitu jew “part payment” jigi “forfeited” favur il-konvenut, l-istess konvenut obbliga ruhu li jhallas lis-socjeta’ attrici ghoxrin fil-mija (20%) ta’ l-ammont “forfeited”.

Martin Mercieca ghas-socjeta’ attrici qal li fil-fatt il-konvenju “waqa” u d-depozitu ntilef favur il-konvenut izda l-konvenut irrifjuta li jhallas lis-socjeta’ attrici.

Il-konvenut naqas li jixhed u naqas li jispjega ghaliex skond hu l-ammont mhux dovut.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li r-Risposta ghandha tigi michuda u t-talba tas-socjeta’ attrici ghandha tigi accettata.

Ghaldaqstant jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ Lm850.00c (tmien mija u hamsin lira Maltin) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------